# IL-LITURGIJA FIS-SANTWARJU TAL-MADONNA TAL-KARMNU FIL-BELT



L-importanza li s-Santwarju tal-Madonna tal-Karmnu fil-Belt f''dak li għandu x'jaqsam mal-liturġija, minn dejjem kien għal qalb il- komunità Karmelitana, li tmexxi dan is-Santwarju. Jekk inqallbu ftit mill-istorja ta' dan is-Santwarju nsibu, li waħda mir-raġunijiet li dan is-Santwarju ġie mgħolli għad-dinjità ta' Bażilka minuri, l-ewwel waħda fil-gżejjer Maltin, kien għal fatt, li l-funzjonijit li jsiru f'dan is-Santwarju minn dejjem kienu bl- akbar mod dinjituż.

Is-sena liturġika fil-Kalendarju tal-Knisja Kattolika hija maqsuma f'erba' żminijiet, li tibda mill-ewwel Hadd ta' l-Avvent. Iż-ż mien tal-Knisja huwa maqsum hekk: żmien l-Avvent, żmien il-Milied, żmien ir-Randan, li matulu hemm l-aqwa Ġimgħa li għandha l-Knisja fil-Kalendarju tagħha, jiġifieri l-Ġimgħa Mqaddsa, li tibda minn Hadd il-Palm, sa Hadd il-Għid, u ż-żmien ta' matul is-sena. Is-Sena Liturġika tagħlaq bis-solennità ta' Sidna Ġesù Kristu Sultan tal-ħolqien kollu.

F'dan is-Santwarju matul iż-żmien tal-Kalendarju Liturġiku, jiġi mfisser permezz ta' simboli li jintramaw ħdejn l-ambone, li tkun ħaġa tajba li għalkemm dawn is-simboli kull sena s-Sur Victor Galea li jieħu ħsieb jarmahom differenti, l-iskop ta' tifsira tagħhom tkun l-istess.

Fi żmien tal-Avvent, jintrama l-kandelabru b'erba' xemgħat, tlieta ta' kulur vjola, u waħda ta' kulur roża; li jinxtegħlu kull nhar ta' Hadd ta' l-Avvent. F'dan is-Santwarju l-funzjonijiet fi żmien il-Milied, minn dejjem kienu magħrufa, tant li s-Santwarju tagħna kien minn ta' l-ewwel li beda jiċċelebra l-quddiesa ta' nofs il-lejl. Fi żmien il-Milied ħdejn l-ambone tintrama l-Kelma ta' Alla fil-maxtura, bil-ħsieb ewlieni li l-Verb sar bniedem u għammar fostna. Marbuta maż-żmien il-Milied f'dan is-Santwarju jiġu ċelebrati l-Kwaranturi. Dawn huma erbat ijiem li jibdew minn jum il-Milied sal-festa ta' l-Innoċenti Martri, jiġifieri fir-28 ta' Diċembru. F'dawn l-erbat ijiem jkun hemm Ġesù espost fuq l-altar Papali, mill-10.30 a.m. sa 12.00 m. u mill-4.00 p.m. sas-6.00 p.m. meta f'dak il-ħin il- Komunità tiċċelebra l-kant tas-Salmi, jiġifieri dak li nsejħulu l-Għasar Solenni. Imbagħad fl-aħħar ġurnata¡ jiġifieri nhar it-28 ta' Diċembru, ngħalqu l-Kwaranturi solenni billi issir purċissjoni fis- Santwarju bis-Ssmu. Sagrament u jitkanta t-Te Deum. Nistgħu nsemmu ukoll li fl-aħħar tas-sena ċivili l-Komunità tinġabar fis- Santwarju biex permezz tal-kant tat-Te Deum tirringrazzja lil Alla tal-grazzji kollha ta' matul is-sena. Dakinhar jitqassam kalendarju, li ta' kull sena f'kull xahar, jkun fih ritratti biex napprezzaw aktar l-affarijiet li nsibu f'dan is-Santwarju, li forsi għalkemm tarahom kuljum, mhux dejjem tapprezza l-ġmiel ta' l- arti u s-sengħa li jkun fihom. Nirrimarkaw ukoll li l-festi prinċ ipali tal-Knisja, jiġu preseduti mill-Provinċjal ta' l-Ordni, flimkien mal-Komunità, peress li dan is-Santwarju, huwa l-Knisja prinċipali tal-Provinċja Karmelitana Maltija.

Iż-żmien tar-Randan huwa żmien li għal Knisja, huwa żmien ta' riflessjoni, u ta' ċerta importanza, anke għal mod kif jsiru l- funzjonijet liturġiċi. F'dan is-Santwarju matul dan ż-żmien ,issir il- festa tal-glorjuż Patrijarka San Ġużepp, li hawnhekk għandha l-Arċ ikonfraternità tiegħu, u li l-Komunità Karmelitana flimkien

ma' l-istess Arċikonfraternità, tiċċelebra l-festa tiegħu fid-19 ta' Marzu, fejn ukoll issir purċissjoni bl-istatwa sabiħa tiegħu, li dan l-aħħar issemmiet għal fatt, li l-Beatu Nazju Falzon devor kbit tal-Labtu tal-Karmnu kien jiġi jitlob quddiemu.

Fil-Ġimgħa Mqaddsa mbagħad jsiru funzjonijet liturġiċi sbieħ, u fosthom nistgħu nsemmu l-funzjoni li ssir nhar l-Erbgħa tal-Ġimgħa l-Kbira, fejn fi ftit knejjes hawn Malta għadha ssir, fejn wara l- Konċelebrazzjoni tas-6.30 p.m. jitniżżel il-korp ta' Ġesù minn fuq is- salib bil-kant, u wara li jitpoġġa fuq sodda armata apposta, l-ġemgħa tiġi mistiedna biex tbus il-ġisem ta' Ġesù, u wara jittieħed proċessjonalment sa ħdejn il-bieb ta' barra, li min jiġi għal viżti tas-Sepulkru, żgur li jiġbed l-attenzjoni ta' kull min iħares lejh. Is-sepulkru jew kif inhu magħruf illum, l-artal ta' l-Adorazzjoni, f'dan is-Santwarju jkun armat b'mod dinjituż, speċjalment nistgħu nsemmu l-kwantità ta' kwalitajiet ta' fjuri li jkun armat bih. Minn din is-sena fil-post fejn jintrama s-sepulkru, qiegħda tintrama statwa ta' Kristu Rxoxt, li nistgħu ngħidu li ġibdet l-attenzjoni ta' kulħadd, li xhieda ta' dan huwa l-kwantità ta' nies li ġew iżuruh.

Minn nhar Ħadd il-Għid is-simboli fejn l-ambone jkunu fl-aqwa tagħhom. F'Ħadd il-Għid jintrama l-Ħaruf ta' l-Għid, mbagħad jintrama simbolu fis-solennità tal-Pentekoste, ieħor fis-solennità tas-Ssma. Trinità, ieħor fis-solennità ta' Corpus Christi. Is-solennità tal- Qalb Imqaddsa ta' Ġesù, f'dan is-Santwarju issir b'mod speċjali, saħ ansitra lejliet il-festa issir il-purċissjoni bis-Ssmu. Sagrament. Matul is-seba' Ġimgħat ta' l-Għid mbagħad jsiru s-seba' erbgħ at ta' l-udjenza tal-Madonna tal-Karmnu. Għalkemm is-seba erbgħat ta' l-udjenza jsiru fil-knejjes kollha Karmelitani, u anke f'xi parroċċi hawn Malta, fis-Santwarju tagħna jattendu ħafna devoti tal- Madonna, u għadhom jsir°u hekk, billi fis-6.00 p.m. jkun hemm ir- Rużarju bil-litanija kantata, quddiesa konċelebrata, u jsir ħsieb fuq il-Madonna, li matul dawn is-seba' ġimgħat jfakkarna fis-seba' episodji ta' ferħ fil-ħajja tal-Verġni Marija. Imbagħad jkun hemm il- funzjoni Marjana, li fiha titkanta r-Regina Coeli u l-Flos Carmeli. Fl-aħħar Erbgħa mbagħad fin-nofs siegħa jinqraw il-grazzji maqlugħa, u fis-1.00 p.m. titqaddes quddiesa bis-supplika tal- Madonna tal-Karmnu, u filgħaxija l-funzjoni Marjana tkun bil-muż ika tal-familja Nani. Naturalment ix-xahar ta' Lulju, huwa xahar impenjattiv ħafna f'dan is-Santwarju, għax fih tiġi ċelebrata bl- aktar mod solenni l-festa tal-Madonna tal-Karmnu, li m'hemmx bżonn nidħlu fid-dettal.



Nistgħu nsemmu wkoll li fix-xahar ta' Ottubru, ix-xahar tar-Rużarju Mqaddes, kuljum jiġi reċitat quddiem Ġesù espost. Fit-2 ta' Ottubru, f'dan is-Santwarju tiġi ċelebrata l-festa ta' l-Anġlu Kustodju, li hawn nsibu ukoll l-unika Arċikonfraternità tiegħu fil-Gżejjer Maltin. F'dan is-Santwarju wkoll hawn statwa sabiħa tiegħu ta' l- injam, li tiġi armata flimkien ma' l-artal dedikat lilu. Fix-xahar ta' Novembru, mbagħad kull Arċikonfraternità tagħmel quddiesa solenni, għall-erwieħ mejtin msieħbin magħhom, li hawnhekk ukoll il- Komunità tkanta fil-quddies solenni tal-Mejtin.

Illum tisma' min igħidlek li jew l-affarijiet spiċċaw, jew inkella jkun hemm ċertu bruda minn naħa ta' min jkun imexxi. Imma f'dan is- Santwarju, grazzi għal Pirjol u l-Komunità, minn dejjem żammet ħajja d-

devozzjoni lejn il-Madonna, mhux biss tal-Labtu Mqaddes, imma fil-funzjonijiet liturġiċi kollha, speċjalment fil-festi kollha tal-Madonna li l-Knisja tiċċelebra fil-Kalendarju liturġiku tagħha. Kuljum, il-quddiesa tas-7.00 a.m. dik li tissejjaħ il-Quddiesa konventwali jkollha s-sehem sħiħ tal-Komunità, u kull nhar ta' Erbgħa, ġurnata li għalina l-Karmelitani niddedikawha b'mod speċjali lil Madonna tal-Karmnu, kull nhar ta' Ħadd, Jum il-Mulej, u fil-festi prinċipali tal-Knisja, u tal-Madonna, l-Komunità tiċċelebra Quddiesa kantata, li fiha l-Pa""trijiet stess jkantaw fiha. Ta' min isemmi wkoll li kull nhar ta' Erbgħa, sajf u xitwa, l-Komunità tqaddes flimkien fis-6.30 p.m. u tkanta s-Salve Regina, u l-Flos Carmeli.

Ma nistax nsemmi f'dawn l-erba' versi l-attivitajiet kollha li jsiru f''dan is-Santwarju, imma ma nistax ma nsemmiex li funzjoni tal- liturġija għandha wkoll il-paramenti sagri għal kull funzjoni, li jagħmel dan is-Santwarju wieħed dekoruż u ta' ċerta livell. L-artal tas-Sagrament fis-Santwarju tagħna huwa ċ-ċentru ta' din il-Bażilka, għalkemm kuljum naraw li jkun armat bil-fjuri friski, titbiddel il-purtiera tat-Tabernaklu kuljum skond il-kulur liturġiku li jkun, u anke fil-festi jintrama s-sopra leġiju, pariġġ, biex flimkien mal-pjaneti u t-tvalji ta' l-artal l-armar ma jkunx bl- amment imma, wieħed b'mod dekoruż u dinjituż.

Hawn min qiegħed jaqra dan l-artiklu u jgħid, għalfejn huma dawn l- affarijiet. Il-liturġija hija l-qalb tal-poplu nisrani, u permezz tagħha aktar tressqu lejn Ġesù. Il-festa li niċċelebraw hija biss attività fil-kalendarju tagħna, għax min hu midħla ta' dan is- Santwarju l-Komunità flimkien ma' dawk kollha li jagħtu s-sehem tagħ hom, kemm mill-att ta' għajnuna volontarja, u kemm minn għajnuna finanzjarja, l-għan tagħha huwa wieħed, li nżommu dejjem knisja ħ ajja, knisja li fiż-żminijiet ta' llum aktar minn qabel trid turi l- fidi u l-imħabba lejn Alla pubblikament u fil-beraħ.

Għalhekk inti li forsi ġejt iżżur dan is-Santwarju, f'dawn il-jiem tal- Festa, ibqa' ersaq lejn Marija, speċjalment fil-ġranet tagħha, kull nhar ta' Erbgħa, u kull nhar ta' Sibt billi tieħu sehem fl- Ewkaristija, ħalli kif minn dan is-Santwarju dejjem qanqlet qlub il-Maltin ħutna li llum qed inqimuhom bħala Beati fosthom Nazju Falzon u Ġorġ Preca, u anke dawk li jekk Alla jrid ma ndumux ma nqimuhom fosthom Fra Diegu Bonanno li minn abbati f'dan is- Santwarju, kiber u għamel tant ġid fis-soċjetà Maltija, hekk aħna permezz tat-talb tagħna lil Alla, u bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Karmnu, minn dan it-tron glorjuż tagħha fil-belt Valletta, tkompli ssaltan fuq Malta tagħna.

*Dennis Caruana*
PRO tas-Santwarju

*Joseph Zammit*

***Guilder & Restorer***

**TEL: 21 496 961**
**MOB: 9947 2264**